MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 1831/2001/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Buttigieg u l-istess Anthony Buttigieg u b'nota GasanMamo Insurance Agency Limited assumiet l-atti tal-kawza kif surrogata fid-drittijiet ta' Anthony Buttigieg**

**Vs**

**Carmelo Mamo u b'digriet tat-Tribunal tal-24 ta' Gunju 2002 gie kjamat in kawza Ali Hakem**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm161.44c (mija u wiehed u sittin lira Maltin u erbgha w erbghin centezmu) rapprezentanti danni f'incident tat-traffiku.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn qal li ma kienx responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Fir-rapport tal-pulizija gie ddikjarat li Ruth Buttigieg qalet li kienet id-dar meta semghet l-alarm tal-vettura taghha u kif harset mit-tieqa rat vettura hamra titlaq mill-post. “She observed a red van Reg. No. GAJ 937 taking off after same had collided into her vehicle and drove off.”

Il-konvenut qal li kien saq minn dik it-triq izda m’indunax li laqat vettura pparkjata.

Jean Pierre Miceli kkonferma l-verzjoni ta’ Ruth Buttigieg.

Meta xehed Jean Pierre Miceli qal li ra lill-Pick Up li “kien habat gol-karozza tal-attrici u kien qed jipprova jinqala’ minn mal-karozza.”

Ruth Buttigieg qalet li tat-Transit kien dahal fil-karozza taghha u baqa’ sejjer. Ruth Buttigieg qalet li meta l-persuna mbaghad gabet it-Transit fejn id-depot huma raw li z-zebgha (rizultat tal-incident) kienet taqbel mal-kulur taz-zebgha tat-Transit.

Fl-Affidavit tieghu Joseph Sammut qal li kienu gew il-pulizija u qalu li l-kjamat in kawza kien qed isuq vettura li kienet involuta f’habta. Sammut qal li ezamina l-vann izda ma sab ebda sinjal ta’ daqqa. Sammut qal li l-Fiat kellha girfa zghira fuq il-mudguard.

Fl-Affidavit tieghu Ali Hakem qal li: “Ma nafx li lqatt l-ebda vettura fil-fatt meta ezaminajt it-Transit dan ma kien fih l-ebda sinjal.” Meta xehed il-kamat in kawza hu qal li ma kien habat m’ebda vettura dakinhar.

Gew esebiti s-survey u l-ircevuti.

Illi meta xehed il-pulizija dan qal li l-kjamat in kawza qal: “Jista’ jkun li lqattu pero ma niftakarx.” Illi dan kien ezatt

wara l-incident. Kemm Buttigieg u Miceli qalu li raw it-Transit jitlaq ezatt wara li daqq l-alarm.

Illi l-verzjoni tal-attur hija izjed kredibbli ghaliex li kieku Hakem ma kien involut f'ebda habta kien jghid hekk u mhux li seta' kien li habat izda ma jiftakarx.

Id-danni jidhru ragunevoli u huma kkonfermati mis-survey.

Ghaldaqstant, jiddikjara li l-kjamat in kawza kien unikament responsabbli ghall-incident u jikkundannah ihallas lill-atturi l-ammont ta' Lm161.44c (mija u wiehed u sittin lira Maltin u erbgha w erbghin centezmu) bl-ispejjez u bl-imghax mill-14 t'Awissu 2002. L-ispejjez ta' Carmelo Mamo ghandhom ikunu supportati mill-atturi billi Carmelo Mamo ma kien bl-ebda mod responsabbli ghall-incident.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------